MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Numru 1467/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
(Spettur Nezren Grixti)

vs

Yousef El Kayat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Yousef El Kayat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 8000L, akkuzat talli nhar it- 2 ta’ Dicembru 2007 u f’diversi gimghat ta’qabel b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

Matul dawn l-ahhar granet b’diversi atti maghmulin b’rizoluzjoni wahda gewwa diversi bnadi fil-Gzejjer ta’ Malta f’diversi hinijiet differenti uza vjolenza sabiex igieghel lil martu Patricia El Kayat taghmel, thalli jsiru, jew tonqos milli taghmel, xi haga, u dan ai terminu tal-Artikolu

18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebb ghall-martu Patricia El Kayat sabiex jingurijha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi gewwa l-Gzejjer Maltin hedda lill-istess martu u ohtu bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu18 u 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess bnadi, hinijiet u zminijiet ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu u dan skond kif iccertifika Dr. Stephen Gatt MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar it-2 ta' Dicembru 207 gewwa l-ghassa tal-Hamrun u gewwa Triq Hal-Qormi, Hamrun ghal habta ta' 2.30a.m. ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna tas-surgent 94 J. Farrugia u PC601 J. Spiteri persuni inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lill-istess ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija ezekuttiva u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' qabel anke fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin kien fil-pussess u garr strument li jaqtgha u bil-ponta minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Artikolu 6.7 u 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Patricia El Kayat sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b'obbligazzjonjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabli qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2), (3), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma s-segwenti ta' argument li nqala' ma' martu wara li l-imputat kien irritorna lura d-dar. Mill-istqarrija tal-imputat li tinsab fl-atti jirrizulta li qabel huwa kien xorob f'bar flimkien ma' xi hbieb. Jidher li inqala argument ma' martu minhabba f'hekk.

Issa l-ammisjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata u ghalhekk l-Qorti ghandha biss tqis il-piena.

Rat l-Artikolu 18, 251, 92, 95, 221, 338 (e) (ee), 342, 339 (d) u 17  tal-Kap. 9, l-artikolu 6,7 u 8 tal-Kap 480 u l-artikolu tal-Kap. 481.

Tiddeciedi li fil-waqt li tiddikjarah hati tal-akkuzi tikkundannah sentejn prigunerija liema perjodu ta' prigunerija bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdin jigu sospizi ghal erba' snin mil-lum sakemm l-imputat ma jikkomettix reat iehor f'dan il-perjodu operattiv.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------